# KAPPELLI EŻISTENTI FIX-XEWKIJA

GRAZIO A. GRECH

Fl-imgħoddi, fl-inħawi tax-Xewkija, kienu jeżistu għadd ta' kappelli ddedikati lil diversi qaddisin. Sfortunatament, xi wħud minnhom intilfu mal-medda taż-żmien. Attwalment, il-kappelli eżistenti fix-Xewkija huma: tal-Madonna tal-Ħniena, li qabel kienet iddedikta lil San Bartilmew; tnejn fl-oqsma tal-MUSEUM, jiġifieri waħda f'dak tal-bniet u l-oħra f'dak tas-subien, waħda f'Ta' Ġokk u dik li hemm fiċ-ċimiterju tax-Xewkija. Kappella oħra tinsab fid-dar tal-Azzjoni Kattolika. Insibu wkoll kappella fiċ-ċimterju tar-Rabat, iddedikata lil Santa Marija.

## IL-KAPPELLA TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA

L-aktar kappella antika li għadha teżisti fix-Xewkija hi dik li llum hi ddedikata lill-Madonna tal-Ħniena. Fl-imgħoddi din il-kappella kienet iddedikata lil San Bartilmew Appostlu. Minn dokument antik nafu li din il-kappella kienet diġà teżisti fis-sena 1398 u kienet iddedikata lil San Bartilmew. Ma' din il-kappella kien hemm ukoll ċimiterju. Matul il-medda tas-snin ġiet ipprofanata kemm-il darba, iżda dejjem kien jinstab xi benefattur u din il-kappella terġa' tiftaħ il-bibien tagħha għall-fidili.

Skont l-Istoriku Akille Ferris, din il-kappella kient ġiet ipprofanata fis-sena 1657, imma reġgħet ġiet miftuħa għall-fidili wara intervent tal-Isqof Astria u l-Vigarju Ġenerali. L-Istoriku Għawdxi, il-Kanonku Agius De Soldanis, jgħarrafna li din il-kappella kienet ġiet ipprofanata fis-sena 1674 imma fl-istess sena kienet reġgħet ġiet miftuħa għall-pubbliku bit-tħabrik ta' Petronilla di Lorenzo et Pontremoli billi tatha biċċa raba' li kien ħallielha l-Kanonku Dun Salv Pontremoli, bil-kundizzjoni li ssir il-festa ta' dan il-qaddis u wkoll jitqassam kwantità ta' ħobż lill-foqra li kienu jmorru għal din il-festa.

Agius De Soldanis jgħarrafna wkoll li fis-sena 1597 din il-kappella kienet għadha tiffunzjona, waqt li fl-1643, in-Nutar Pawlu Di Lorenzo, kien bnieha u rrestawraha mill-ġdid bi flusu. Dan seħħ wara d-digriet tal-5 ta' Ġunju 1642 tal-Isqof Balaguer. Fis-sena 1704, Feliċ Asciak, Għawdxi, saqqaf iz-zuntier permezz ta' loġġa kbira. Din il-loġġa kienet tneħħiet sabiex għamlet wisa' għat-tkabbir tal-kappella.




*Kappella tal-Ħniena*

Fis-sena 1735 ġie mibdul il-kwadru titulari ta' din il-kappella u floku tpoġġa wieħed tal-Madonna tal-Ħniena u San Bartilmew. Dan it-titular, imħallas mill-benefattur Malti Grezzju Gilestro, sar bit-tħabrik tal-Kappillan tax-Xewkija, Dun Pietru Pawl Aquilina. Il-pittur ta' dan il-kwadru hu Gio-Nikola Buhagiar, Malti. Kien minn dakinhar li din il-kappella bdiet tissejjaħ tal-Madonna tal-Ħniena, kif għadha tissejjaħ sal-lum. Fis-sena 1815, Dun Franġisk Buhagiar, ħalla legat sabiex issir quddiesa nhar il-festa tal-Madonna tal-Ħniena.
Intant, il-familja Pontremoli, kienet telqet din kappella għalkollox u għalhekk għaddiet taħt it-tmexxija tal-Arċipriet tal-parroċċa tax-Xewkija. Fis-snin tletin tas-seklu li għadda, ma' din il-kappella nbniet sagristija ġdida u sala kbira u wkoll il-knisja ġiet mgħammra b'għadd ta' opri.

Fis-sena 1944, din il-kappella għaddiet taħt il-ħarsien tas-Sorijiet Dumnikani u damet taħt il-ħarsien tagħhom sas-sena 1991. F'nofs is-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor, kienet twessgħet il-kappella u l-inawgurazzjoni tagħha saret fi Frar 1957. Attwalment, il-kampnar ta' din il-kappella qed

jiġi restawrat għax kien jinsab fi stat ħażin.

F'din il-kappella ssir il-festa tal-Madonna tal-Ħniena kif ukoll dik ta' San Bartilmew. Jiġi ċċelebrat quddies b'mod regolari u anke sigħat ta' adorazzjoni.



*Kappella Azzjoni Kattolika*

## IL-KAPPELLA TAL-AZZJONI KATTOLIKA

Kien fis-sena 1938 meta l-Azzjoni Kattolika bdiet topera fix-Xewkija. Fl-1961 inxtrat id-dar fi Triq il-Knisja biex isservi bħala sede. Waħda mill-kmamar ġiet attrezzata bħala kappella u fiha ġieli ġie ċċelebrat l-quddies. Barra dan, f'din il-kappella saru u għadhom isiru għadd ta' laqgħat reliġjużi.

## IL-KAPPELLA TAĊ-ĊIMITERJU TAX-XEWKIJA

Meta ġie mibni ċ-Ċimiterju San Ġwann Battista tax-Xewkija fis-sena 1950, inbniet ukoll kappella. Il-bennej ta' dan iċ-ċimiterju kien Ġużeppi Spiteri, fuq il-pjanta ta' Lorenzo Zammit Haber. It-titular ta' din il-kappella juri lil Sidna Ġesù Kristu mejjet u hu xogħol tal-Pittur Xagħri Ninu Apap. L-art ta' din il-kappella hi magħmula minn tliet oqbra li fihom jindifnu s-saċerdoti tax-Xewkija.
F'din il-kappella, kull l-ewwel Tnejn tax-xahar issir



*Kappella Ċimiterju Xewkija*

quddiesa waqt li f'kull 2 ta' Novembru, issir quddiesa konċelbrata u wara jsir it-tberik tal-oqbra. Matul ix-xahar ta' Novembru, il-kappella tkun miftuħa kuljum.

## IL-KAPPELLA FIĊ-ĊIMITERJU TA' SANTA MARIJA



*Kappella Ċimiterju Santa Marija*

Meta nbena ċ-ċimiterju tal-Belt Victoria, kien jinkorpora fih il-limiti tal-parroċċi tal-Fontana u ta' Kerċem. Sal-lum, ir-residenti ta' dawn iż-żewġ parroċċi , bħal dawk tal-Belt Victoria, għadhom jindifnu f'dan iċ-ċimiterju ddedikat lil Santa Marija. Ma' dan iċ-ċimiterju kienet inbniet ukoll kappella ta' stil gotiku u nbniet mill-Bennej Wiġi Vella miż-Żebbuġ Għawdex. Ix-xogħol fuq din il-kappella kien lest f'Lulju 1896.

L-ewwel quddiesa f'din il-kappella saret f'Jannar 1906. F'Novembru 1943, f'din il-kappella sar il-Matutin Solenni u quddiesa kantata minn Mons. Isqof Ġużeppi Pace, dak iż-żmien Arċidjaknu tal-Katidral. Kien bit-tħabrik ta' Ġorġ Saliba li f'din il-kappella bdiet issir quddiesa għall-erwieħ b'mod regolari. Sa ftit tas-snin ilu kien isir il-quddies kuljum, anki fil-Ħdud u l-festi. Attwalment, issir quddiesa kuljum barra l-Ħdud u l-festi iżda fix-xahar ta' Novembru ssir quddiesa wkoll fil-Ħdud u l-festi. Quddies ieħor jiġi ċċelebrat f'Jum l-Omm u f'Jum il-Missier. Matul is-sena ġieli jsiru xi sigħat ta' spost quddiem Ġesù Sagramentat. Il-kwadru li hemm f'din il-kappella jirrappreżenta lil Marija Addolorata. Dan il-kwadru kien ġie rrestawrat mill-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi fis-sena 1984. Intant, waqt restawr f'din il-kappella fl-2018, instab salib maqtugħ fil-ġebla tal-franka wara l-ħajt li miegħu kien hemm poġġut il-kwadru tal-Madonna. Għalhekk ġie deċiż li dan il-kwadru jiddendel ma' wieħed mill-ħitan ta' din il-kappella, pariġġ kwadru ieħor li jirrappreżenta lil Kristu fl-Ort, xogħol tal-Pittur Xagħri Ninu Apap. Id-dekorazzjoni ta' din il-kappella saret minn Rudolf Cauchi. Ġie rregalat ukoll altar mejda ġdid mis-Sorijiet Franġiskani, magħrufa mill-poplu bħala Tal-Istilla. Il-kurċifiss li hemm fuq l-altar tnaddaf minn Hubert Saliba u ġie mbierek minn Dun Ġorġ Farrugia nhar l-1 ta' Ottubru 2018. Hu ppjanat li jsiru żewġ statwi; waħda tirrappreżenta lil Marija Addolorata – li diġà saret – u l-oħra ta' Anġlu u bl-isfond tas-Salib li hemm wara, se jiffurmaw t-titular ta' din il-kappella. Ix-xogħol ta' dawn iż-żewġ statwi tal-ġebel se jsir minn Rudolf Cauchi.

## IL-KAPPELLA FL-INĦAWI TA' ĠOKK



*Kappella Ta' Ġokk*

Fl-inħawi Ta' Ġokk insibu wkoll kappella żgħira għad-dispożizzjoni ta' dawk li jgħixu f'dawk l-akwati. Din il-kappella hi ddedikata lill-Imqaddes Kurċifiss. Din il-kappella ilha tiffunzjona għal kważi tletin sena u ssir quddiesa kull nhar ta' Erbgħa waqt li fiha jsiru wkoll xi sigħat ta' adorazzjoni. Qabel ma bdiet tintuża din il-kappella, il-quddiesa kienet issir f'garaxx fil-viċinanzi ta' din il-kappella u bdiet issir fil-bidu tas-snin sebgħin. Ta' min ifakkar li maġenb din il-kappella kien ser jibena Ċentru Pastorali li kien ser jinkludi wkoll kappella ġdida. Fil-fatt, dan ix-xogħol kien beda fis-sena 1995.

## IL-KAPPELLA TAL-MUSEUM TAS-SUBIEN



*Kappella tal-MUSEUM tas-Subien*

Il-kappella li hemm fil-qasam tal-MUSEUM tas-Subien tinsab fit-tieni sular ta' din il-binja. F'din il-kappella nsibu kurċifiss kbir bħala titular, xogħol tal-Artist Għawdxi, Wistin Camilleri u sar fil-bidu tas-snin erbgħin tas-seklu li għadda. Id-disinn tad-dekorazzjoni ta' din il-kappella hu xogħol ta' Carmel Grech mill-Belt Victoria. F'din il-kappella, barra li ssir quddiesa kull l-ewwel Ġimgħa u Sibt tax-xahar, issir ukoll quddiesa oħra kull nhar ta' Ħadd u festi bl-obbligu tal-quddies. Fiha ssir ukoll l-adorazzjoni u laqgħat oħra ta' talb. Il-MUSEUM tas-Subien fix-Xewkija twaqqaf fis-sena 1943. L-ewwel ġebla tal-binja attwali ta' dan il-MUSEUM tqiegħdet u tbierket nhar il-5 ta' Mejju 1974 waqt li l-ewwel ġebla tal-kappella eżistenti tqiegħdet nhar is-16 ta' Lulju 1975. It-tieni sular ta' dan il-qasam tal-MUSEUM tbierek u nfetaħ nhar il-25 ta' Settembru 1993.

## IL-KAPPELLA TAL-MUSEUM TAL-BNIET

Mill-banda l-oħra, fil-qasam tal-MUSEUM tal-Bniet, insibu sala li fiha jsir il-quddies, però tintuża wkoll għal diversi attivitajiet reliġjużi. L-ewwel ġebla ta' dan il-MUSEUM tbierket nhar il-21 ta' Jannar 1992 u nfetaħ nhar it-13 ta' April 1996. Is-sezzjoni tal-MUSEUM tal-Bniet fix-Xewkija taf il-bidu tagħha fis-sena 1915.

## IL-KAPPELLA-MUŻEW

Nagħlaq din il-kontribuzzjoni billi nagħti ftit tagħrif dwar il-Mużew tal-Iskultura u l-Oratorju. Hawn insibu miġbura f'forma ta' kappella l-kwadri artistiċi, fosthom il-kwadru titulari ta' San Ġwann Battista, l-iskultura Barokka u sinjura, xi statwi u oġġetti oħra li kienu jiffurmaw parti mill-knisja parrokkjali l-qadima qabel ma nbniet il-knisja Rotunda. Biex setgħet titpoġġa fl-oriġinal tagħha l-iskultura, kienet mhux biss inqalgħet b'attenzjoni kbira imma wkoll kienu ttieħdu bosta ritratti u ġew immarkarti l-ġebel skolpiti.

Ta' min isemmi li l-ewwel ġebla ta' din il-Kappella-Mużew tpoġġiet nhar il-festa ta' San Ġwann Qtugħ ir-Ras tas-sena 1972. Din il-Kappella-Mużew tbierket mill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi nhar it-18 ta' Ġunju 1974.

Din serviet sabiex fiha jsir il-quddies sakemm tlestiet il-knisja Rotunda. Wara ġieli sar xi quddies ieħor, inżammu laqgħat spiritwali u reliġjużi, saru u għadhom isiru wkoll sigħat ta' adorazzjoni, waqt li kull nhar ta' Ħadd għadha ssir l-ispjega tal-Vanġelu lit-tfal tal-parroċċa.



*Il-kappella- Mużew tal-Iskultura*